# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 239/2022

## tat-23 ta’ Settembru 2022

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/768]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim dwar iż-ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/510 tad-29 ta’ Marzu 2022 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 rigward l-aġġustament tal-miżati tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini mar-rata tal-inflazzjoni b’effett mill-1 ta’ April 2022 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 15h (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95) tal-Kapitolu XIII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“— **32022 R 0510**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/510 tad-29 ta’ Marzu 2022 (ĠU L 103, 31.3.2022, p. 3).”

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) Nru 2022/510 bil-lingwa Iżlandiża u b’dik Norveġiża, li għandu jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta’ Settembru 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta’ Settembru 2022.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Kristján Andri STEFÁNSSON

([1]) ĠU L 103, 31.3.2022, p. 3.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.